**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 25 ta' Gunju 2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**JUSTIN DALLI**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Justin Dalli** detentur tal-karta tal-identita numru 386396(M), gie akkuzat talli fl-14 t'April 2018 gewwa l-fond 112, Slaven, Vjal it-Torri, Gudja;

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta' Consiglio Bartolo detentur tal-karta tal-identita 133771M, minhabba li l-istess offiza ggib ferita f'wahda mill-kavitajiat tal-gisem (il-halq) tal-istess Consiglio Bartolo, skond kif iccertifikat Dr. Nathalie Psaila MD mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana.

2. Ghamilt ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kont provokat, ingurjajt b'mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-piena stabbilita ghal dan ir-reat, tapplika l-provvediment tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta ta' Consiglio Bartolo.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tat-2 t' Awwissu, 2018 sabiex din il-kawza tigi trattatat bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tallum stess fejn il-partijiet kollha reciprokament hafru lil xulxin, ghazlu li ma jixhdux fil-konfront ta' xulxin, u rrinunzjaw ghal kwalunkwe azzjoni kriminali fil-konfront ta' xulxin. Din id-dikjarazzjoni tghodd mhux biss ghal dawn il-proceduri, izda tghodd ghal kwalunkwe proceduri ohra pendenti li hemm fil-konfront ta' xulxin.

Qieset d-dikjarazzjoni maghmula mill-prosekuzzjoni u cioe' li nvista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-partijiet, l-istess porosekuzzjoni ma kelliex provi permezz ta' xhieda xi tressaq;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

Illi f'dan il-process ma tressqu l-ebda xhieda dwar l-incident de quo. Gietipprezentata biss evidenza dokumentarja, liema evidenza ma hijiex sufficcenti ghas-sostenibbilta tal-kaz tal-prosekuzzjoni. Fi kliem iehor il-kaz hu kolpit minn nuqqas ta' provi.

**KONKLUZJONI.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, ssib u tiddikjara lill-imputat Justin Dalli mhux hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u minnhom tilliberah skond il-ligi.**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur